Ksur tal-bwon ordni jew kwiet tal-pubbliku – Sewqan traskurat – Nuqqas ta' osservar ta' ordni tal-Pulizija – Hebb ghal persuna bil-hsieb li tigi ingurjata, imdejjqa jew jsirilha hsara – Kap. 9 Art. 338(dd), Kap. 65 Art. 15(1)(a)(3), L.S. 65.11 Reg. 124(1), Kap. 9 Art. 339(1)(d)

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## Bhala Qorti ta' Gudkatura Kriminali

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2020
Sessjoni tal-Ghid il-Hamiem

**Il-Pulizija**
(Spettur Sarah Magri)

***kontra***

**Simon Desira**
(K.I. numru 492496M)

## Il-Qorti

1. Rat illi l-imputat Simon Desira, iben John u Doreen nee' Pisani, imwieled fit-28/11/1996, residenti 17, Tal-Gidi, Triq it-Tabib Jimmy Farrugia, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' numru 492496M, gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fis-07/05/2015 ghall-habta ta' 21.00 hrs fi Triq il-Poeta Nazzjonali, Zebbug, filwaqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBX 518:

    1. *involontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku* (Kap 9 Artiklu 338 (dd))
    2. *saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata* (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3))
    3. *naqas li jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-Pulizija jew minn Gwardjan Lokali ghal biex jitmexxa t-traffiku jew ghal kull raguni ohra fit-twettiq ta' dmirijiethom* (L.S. 65.11 Reg. 124(1))

4. *kif ukoll hebb ghal Carmelo Farrugia sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna.* (Kap 9 Artiklu 339 (1)(d))

2. Rat li l-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-hati mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

3. Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom l-okkorrenza, l-affidavit ta' PC 768 Bryan Farrugia u l-affidavit ta' PC 1410 Shaun Debono.

4. Semghet ix-xhieda l-ohra mressqa mill-prosekuzzjoni ossia:

   1. Il-*parte civile* Carmelo Farrugia (xhieda moghtija fil-25 ta' Ottubru 2017[1]),
   2. Redeemer Farrugia (xhieda moghtija fil-25 ta' Ottubru 2017[2]),
   3. Noel Abela (xhieda moghtija fil-25 ta' Ottubru 2017[3]),
   4. Christopher Gauci (xhieda moghtija fil-25 ta' Ottubru 2017[4]),
   5. Clyde Montesin (xhieda moghtija fil-11 ta' Mejju 2018[5]),
   6. Chylen Cassar (xhieda moghtija fil-11 ta' Mejju 2018[6]),
   7. Brittney Decelis (xhieda moghtija fil-11 ta' Mejju 2018[7]).

5. Semghet ix-xhieda tad-difiza ossia:

   1. Il-*parte civile* Carmelo Farrugia li gie awtorizzat mill-Qorti jixhed in ezami qabel l-imputat (xhieda moghtija fis-7 ta' Ottubru 2019[8]),
   2. L-imputat Simon Desira (xhieda moghtija fis-7 ta' Ottubru 2019[9]).

6. Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensuri tal-*parte civile* u tad-difiza.

## Konsiderazzjonijiet

7. Ikkunsidrat illi l-partijiet kienu qablu illi din il-kawza timxi kontestwalment ma' kawza ohra ukoll quddiem din il-Qorti kif presjeduta liema kawza titratta l-istess incident mertu ta' din il-kawza izda fejn l-akkuzat huwa Carmelo Farrugia (il-

---

[1] Fol 15
[2] Fol 18
[3] Fol 20
[4] Fol 23
[5] Fol 31
[6] Fol 36
[7] Fol 39
[8] Xhiedha baqghet ma' gietx traskritta sad-data tas-sentenza
[9] *ibid*

*parte civile* f'din il-kawza) u l-*parte civile* huwa Simon Desira (l-akkuzat f'din il-kawza) u li x-xhiedha moghtija f'kawza japplikaw ukoll ghall-ohra[10].

8. Ikkunsidrat illi l-incident mertu tal-kawza sehh fis-7 ta' Mejju 2015 ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija fi Triq il-Poeta Nazzjonali, Zebbug, u fih kien hemm involuti, fuq naha wahda l-imputat Simon Desira illi kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Volkswagen Passat (bin-numru ta' registrazzjoni DBX518) u li mieghu kellu bhala passiggieri lil Clyde Montesin, Chylen Cassar u Brittney Decelis, u fuq in-naha l-ohra l-*parte civile* Carmelo Farrugia li kien qieghed isuq vann Isuzu New D-Max li bih kien qieghed jigbed karru taz-zwiemel (b'ziemel mejjet go fih) u li mieghu kellu bhala passiggieri lil Redeemer Farrugia, Noel Abela u Christopher Gauci. Fuq dan il-punt il-*parte civile* u x-xhiedha mressqa minnu kif ukoll l-imputat u x-xhiedha mressqa minnu jaqblu pero mill-bqija hemm divergenza qawwija fuq il-fatti l-ohra inkluz kif beda l-incident in kwistjoni, x'gara ezattament, min hebb ghal min u min uza l-injama ossia marlocc sabiex jsawwat lill-iehor.

9. Ikkunsidrat illi skond kif xehed fl-affidavit tieghu **PC 768 B. Farrugia**, fil-gurnata u hin in kwistjoni l-Pulizija rceviet telefonata anonima li kien hemm argument fi Triq il-Poeta Nazzjonali, Zebbug, faccata tal-Go p.l.c. Flimkien ma' PC 1410 S.Debono marru fuq il-post fejn hemmhekk innota vettura DBX518 tal-marka Volkswagen Passat titlaq minn fuq il-post. PC 1410 segwiha bil-vettura tas-servizz. Sadanittant PC 748 kellem lill-persuni tal-vettura l-ohra FCD 704. Carmelo Farrugia spjegalu illi kien ma' ibnu Redeemer Farrugia, Christopher Gauci u Noel Apap fi triqtu lejn il-biccerija minhabba li kien mietlu ziemel u kienu qed jehduh hemmhekk. Dan iz-ziemel kien fil-karru li kien imwahhal ma' wara tal-vettura tieghu. Kif kienu fi Triq Lapsi, Siggiewi, sabu vettura DBX518 li kienet quddiernhom u li bdiet tieqaf u taqla l-hin kollu. Huwa zied li prova jevita lil din il-vettura kemm il-darba, izda dan kull darba beda jaqbzu u jerga jidhol quddiemu bil-konsegwenza li kull darba jerga jieqaflu f'daqqa. Komplew sejrin hekk, sakemm waslu fi Triq il-Poeta Nazzjonali, Zebbug, fejn hemmhekk il-vettura DBX518 regghet waqfet f'daqqa u dak il-hin hu baqa' diehel fiha minn wara fejn imbaghad hargu erba' persuni mill-vettura DBX518, zewg guvinturi u zewg nisa. Wiehed minn dawn il-guvintur kellu bicca injama li prova jagredih biha izda Carmelo Farrugia irnexxielu jehodielu u ghaddiha lill-pulizija.

   PC 768 ghamel kuntatt bit-telefon cellulari ma PC1410 fejn dan infurmah li rnexxielu jwaqqaf il-vettura DBX518 hdejn il-fabbrika tal-Coca l-antika, gewwa Triq l-Imdina, Qormi u li kien ser jiehu mieghu lix-xufier u lill-passiggieri ta' din il-vettura gewwa l-Ghassa taz-Zebbug.

[10] Fol 13, 30 u 43

F'din l-Ghassa, PC 768 kellem lill-imputat fejn dan qallu li flimkien ma' Clyde Montesin u t-tfajliet taghhom Brittney Decelis u Chylen Cassar huwa kien ghaddej bil-vettura tieghu DBX518 minn Triq Lapsi, Siggiewi u kien qed jipprova jevita l-hofor bil-konsegwenza li beda jnaqqas il-velocita' li kien ghaddej biha. Warajh kien hemm vettura bil-karru maghha li dahlet fuqu ghal madwar tlett darbiet. Fl-ahhar hekk kif waslu fi Triq il-Poeta Nazzjonali, Zebbug, l-imputat hareg mill-vettura sabiex jara ghaliex kienu ghamlulu dan kollu. Dak il-hin hargu ghalih erba persuni irgiel li bdew ituh u anke ghamlulu hsara fuq il-bonnet tal-vettura tieghu. Dawn kellhom injama f'idhom. Shabu taw l-istess verzjoni tal-fatti. Ghalkemm dawn stqarrew li kellhom xi griehi hfief, hadd ma' pproduca certifikat mediku minkejja li l-pulizija talabhom sabiex jekk iridu imorru c-Centru tas-Sahha. L-imputat Desira pero pproduca stima tal-hsarat li garrbet il-vettura tieghu liema hsarat jammontaw ghal €1,131.

10. Ikkunsidrat illi skond kif xehed fl-affidavit tieghu **PC 1410 S. Debono**, fil-gurnata u hin in kwistjoni waqt Ii hu u PC 768 kienu gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zebbug, ircevew telefonata minghand persuna anonima li rraportat illi gewwa Triq il-Poeta Nazzjonali, Zebbug kien kemm glieda. Fuq il-post sab zewg vetturi wieqfa fin-nofs tat-triq imsemmija b'xi nies imdawrin maghhom, wahda bin numru tar-Registrazzjoni DBX518 tal-ghamla Volkswagen fuq in-naha ta quddiem u l-ohra bin-Numru tar-Registrazzjoni FCD704 tal-ghamla Isuzu New D-Max fuq in-naha ta wara li maghha kien hemm marbut karru taz-zwiemel. Kif Pc768 nizel minn gol-vettura tad-distrett sabiex jara x'kien gara, il-vettura DBX518 saqet bis-sahha l-isfel fid-direzzjoni lejn hal-Qormi. PC1410 saq wara l-vettura imsemmija sabiex iwaqqafha mentri PC768 baqa' fuq il-post. Irnexxielu jwaqqafa gewwa Triq l-Imdina Hal-Qormi fejn il-fabbrika tal-Coca l-antika. Go l-imsemmija vettura kien hemm erba' persuni, cioe' ix-xufier Simon Desira ID 492496M, passiggier quddiem Clyde Montesin ID 533793M, passiggieri fuq wara Britney Decelis ID 33500L u Shylanne Cassar ID 27000L. Hemmhekk PC 1410 ta' ordni biex johorgu minn gol-vettura u anke lahqu waslu fuq il-post tat-taqsima RIU fejn fil-presenza taghhom ta d-drittijiet lill-imputat filwaqt li saret tfittixja fil-vettura tieghu ghal injama. Din it-tfittxija rrizultat fin-negattiv. Huwa skorta lill-imputat gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zebbug flimkien mal-Pulizija tal-RIU biex jittiehdu l-verzjonijiet u jitkompla ir-rapport.

11. Ikkunsidrat illi permezz tax-xhiedha tieghu moghtija fil-25 ta' Ottubru 2017 u fis-7 ta' Ottubru 2019 il-*parte civile* **Carmelo Farrugia** xehed *inter alia* illi huwa joqghod fi Triq Lapsi, is-Siggiewi. Dakinhar tal-incident kien mietlu ziemel u huwa flimkien mal-passiggieri l-ohra telqu b'dan iz-ziemel fil-karru marbut mal-vettura DBX518 lejn il-biccerija. Sab vettura quddiemu miexja bil-mod li pero bdiet taghmel movement erratici. Din bdiet tiskapulah, tigi minn warajh, taqbez *wrong side* biex taqbzu, zzommlu l-break f'daqqa, etc. Fl-ahhar, l-vettura l-ohra hadet break iehor f'daqqa u minhabba f'hekk baqa' diehel fuq il-vettura l-ohra minn wara. Hdejn il-Go p.l.c. ta' Haz-Zebbug, l-vettura l-ohra waqfet u niezlu erba persuni mill-vettura. L-imputat mar jigri fuqu u beda jaghtih

b'xi injama, liema injama rnexxielu jehodilu minn idu. Stqarr illi bdiet hierga riha ta' xorb minn halq l-imputat u l-passiggieri li kienu mieghu. Dawn daruh ghax riedu jehdulu l-injama minn idejh izda rnexxielu jibqa' jzommha sakemm gew il-Pulizija. Meta l-Pulizija qallu sabiex imur l-Ghassa flimkien mal-passiggieri dan ma' xtaqx peress illi rid li jmur il-biccerija sabiex iwassal il-karkassa taz-ziemel tieghu. Ghal dan il-ghan kellu bzonn ukoll lill-passiggieri l-ohra sabiex jghinuh ihottu. Skond ix-xhud imbaghad il-Pulizija qallu li m'ghandhux ghalfejn jmur l-Ghassa. Xi ftit granet wara mar l-Ghassa biex jara x'kien gara fuq il-kaz u l-Pulizija tah kont tal-ispejjez tad-danni li allegatament kien sofra fil-vettura tieghu l-imputat Desira. Ix-xhud qal li hu ukoll kellu spejjez fil-vettura tieghu (circa €1,700 - € 1,800) pero ma' nsistiex fuqhom. In kontroezami jghid li l-injama kienet fil-vettura tal-imputat u li l-passiggieri kollha kienu hargu mill-vettura sabiex isawwtuh. Jghid li ma' marx il-polyclinic u kien l-ghada tal-incident li beda ihoss id-daqqa li qala go halqu ghaliex ma' setax icaqlaq halqu.

12. Ikkunsidrat li l-passiggieri l-ohra li kienu mal-*parte civile* Carmelo Farrugia tista' tghid li sostanzjalment ikkonfermaw x-xhiedha tieghu meta telghu jixhdu quddiem il-Qorti. **Redeemer Farrugia** kkonferma li l-imputat beda' jsuq, jieqaf, jerga' jsuq, iserrep fit-triq u jieqaf. Ikkonferma ukoll illi nizlu erba' passiggieri mill-vettura u li xi hadd minnhom hareg injama mill-bagoll u beda jaghti biha fuq il-*parte civile*. Ix-xhud gharaf ukoll lill-imputat bhala s-sewwieq tal-vettura l-ohra. **Noel Abela** xehed li fit-triq sabu ruhhom wara l-vettura li kienet qeghda tinstaq mill-imputat u li kienet mixja bil-mod hafna. Carmelo Farrugia prova' jaqlahha. F'xi hin Farrugia kiser lejn il-bypass filwaqt li l-imputat kiser lejn il-pjazza tas-Siggiewi. F'nofs il-bypass pero rega' gie l-imputat bil-vettura tieghu b'velocita' kbira li gie minn warajhom u qabizhom u rega' beda jserrep min-naha ghall-ohra. Beda jzommu il-*breaks* f'daqqa u b'konsegwenza t'hekk Carmelo Farrugia baqa diehel bil-vettura tieghu fuq wara tal-vettura li kienet qed tinstaq mill-imputat. Dan imbaghad saq hafna u x'hin waslu Haz Zebbug waqqaf il-vettura tieghu u minna hargu il-passiggieri u bdew jsawwtu lil Carmelo. Wiehed minnhom kellu injama ossia' marlocc. **Christopher Gauci** ippreciza li huma kienu gejjin mis-Siggiewi u sejrin lejn il-biccerija. Huma u nezlin Haz Zebbug habtu mal-vettura tal-imputat u l-imputat baqa' sejjer. Hdejn it-Toyota l-antika l-vettura tal-imputat waqfet u minnha hargu zewg irgiel u zewg nisa u wiehed minnhom hareg b'lembuba. Daru ghal Carmelo Farrugia. Il-passiggieri l-ohra fil-vettura ta' Farrugia inkluz ix-xhud ukoll hargu mill-vettura izda ma' refaw idejhom fuq hadd. In kontroezami jikkonferma li m'huwiex il-kaz li l-lembuba giet mill-vettura li kien riekeb fiha (ossija ta' Carmelo Farrugia).

13. Ikkunsidrat li permezz tax-xhiedha tieghu moghtija fis-7 ta' Ottubru 2019 l-imputat **Simon Desira** xehed *inter alia* illi huwa kien ghadu kemm xtara l-vettura Volkswagen Passat u li flimkien ma' siehbu Clyde Montesin u t-tfajliet taghhom marru dawra biha Wied iz-Zurrieq. Huma u telghin is-Siggiewi sabu vann fin-nofs tat-triq. Teptiplu d-dwal sabiex ikun jista' jhallih jaqbzu u hekk ghamel. Imbaghad gibed lejn il-knisja tas-Siggiewi sabiex jixtri s-sigaretti. X'hin

rega saq rega sab il-van quddiemu, qabzu u imbaghad dan dahal fih xi tlett darbiet minn wara. Hargu x-xufier u l-passiggieri mill-vann u x-xufier Carmelo Farrugia mar biex ihebb ghalih b'injama u ghamillu l-hsara fuq il-*bonnet*. Xi hadd minnhom gidimlu idejh u anke qattawlu hwejjgu. Qal illi m'huwiex il-kaz illi vicin il-post tal-incident (hdejn l-akkwati maghrufha bhala tal-Benniena fis-Siggiewi) huwa beda jsuq bil-mod u jzomm il-breaks.

14. Ikkunsidrat illi l-passiggieri li kienu mal-imputat ukoll sostanzjalment ikkonfermaw il-verzjoni tal-fatti li ta' l-istess imputat. **Clyde Montesin** xehed illi kienu fil-post "Tal-Benniena" fis-Siggiewi u kien hemm vann bil-karru taz-zwiemel warajh li beda jsuq bil-mod u kif gieh ic-cans l-imputat qabzu. Kif qabzuh dan taghhom daqqa fuq wara ghal darba tlett darbiet. Imbaghad skond ix-xhud nizlu sabiex jaraw x'gara u spiccaw jillatikaw. Ix-xhud gharaf lil Carmelo Farrugia bhala x-xufier li kien qieghed isuq il-vann FCD704. Skond ix-xhud, it-tfajliet Chylen Cassar u Brittney Decelis kienu kwazi reqdin fuq wara. Ix-xhud jghid li l-imputat ma' kienx qieghed isuq bi speed eccessiv u li rigward l-injama huwa ma' rahiex hierga mill-vettura tal-imputat izda fl-istess hin ma' jafx minn fejn giet. **Chylen Cassar** xehdet illi wara li l-vettura l-ohra dahlet fuqhom minn wara ghal xi tlett darbiet, l-imputat u Clyde Montesin nizlu mill-vettura sabiex jaraw x'gara. Hija u Brittney Decelis kienu reqdin u allura ma' tistax tikkonferma jekk kienux ghaddejin bi speed eccessiv. **Brittney Decelis** tghid li hija ukoll kienet rieqda fuq wara u ezatt ezatt ma tiftakarx. Pero qamet mal-ewwel daqqa. Malli qalghu t-tielet daqqa l-imputat Desira u Montesin hargu jaraw x'gara u spiccaw fl-idejn. Lil Carmelo Farrugia ratu b'lembuba u rat lil xi hadd jaghti fuq il-karozza tal-imputat pero ma' tiftakarx min kien dan.

15. Ikkunsidrat illi l-kompitu ta' din il-Qorti huwa li tara u tevalwa jekk il-provi li ngiebu quddiemha humiex bizzejjed, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, sabiex tkun tista' ssib il-htija tal-imputat. Fin-nuqqas ta' dan il-Qorti ma' tistax hlief tillibera lill-istess imputat.

16. Ikkunsidrat illi l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat hija dik illi ***"involontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku"***. Skond l-Art. 338(dd) tal-Kap. 9

*"338. Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min ...*
*(dd) b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku".*

17. Ikkunsidrat illi l-imputat ma' jista' qatt jinstab hati ta' din l-akkuza kif mressqa mill-Prosekuzzjoni fic-citazzjoni peress illi din il-kontravvenzjoni jehtieg agir volontarju u mhux involuntarju min-naha tal-imputat. Il-Qorti tifhem illi dan kien *lapsus* min-naha ta' min ipprepara c-citazzjoni (zball li seta' jigri lil kulhadd) izda fl-istess hin il-Qorti hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u pprezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva. Din l-

imputazzjoni setghet giet korretta fl-istadju opportun izda jidher li l-Prosekuzzjoni qatt ma’ ghamlet talba ghal korrezzjoni f’dawn il-proceduri.

18. Ikkunsidrat illi t-tieni akkuza miguba kontra l-imputat hija li dan saq il-vettura tieghu b’manjiera traskurata. Fis-sentenza moghtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet “**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**” il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet illi:

*“Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita’ ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.”*

19. Ikkunsidrat illi mill-provi li ghandha quddiemha f’dan ir-rigward il-Qorti m’hijiex sodisfatta illi dawn jilhqu l-grad rikjest mill-ligi. Huwa veru illi l-*parte civile* u x-xhiedha tieghu xehdu li l-imputat beda jsuq b’mod erratiku minn naha ghall-ohra tat-triq u li beda jzomm il-brejkijiet f’daqqa. Madanakollu l-imputat jichad dan u x-xhud Clyde Montesin jichad ukoll illi dan kien miexi bi speed eccessiv. F’kaz ta’ dan in-natura, fejn ghandek xhiedha okulari li essenzjalment jkunu qeghdin jghidu bil-maqlub ta’ xulxin il-Qorti trid tizen il-kredibilita’ tax-xhiedha billi fost ohrajn tevalwa l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhud u kif ukoll tanalizza x-xhiedha taghhom ghal inkonsistenzi jew kontradizzjonijiet serji. Sfortunatament din il-Qorti kif presjeduta ma’ kelliex l-opportunita’ illi tara x-xhiedha personalment quddiemha ghajr ghall-imputat u l-*parte civile* li xehdu quddiemha fl-ahhar seduta. Dan ghaliex dawn xehdu fi stadju meta l-Qorti kienet diversement presjeduta. Madanakollu l-Qorti semghet b’reqqa x’xhiedha kollha moghtija u qrat it-*transcripts* relattivi. Minn dan il-kompitu, ma’ rrizultax lill-Qorti illi kien hemm xi inkonsistenzi jew kontradizzjonijiet serji fix-xhiedha mressqa kemm mill-Prosekuzzjoni u kemm mid-difiza li jolqtu l-kredibilita’ taghhom. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll dak li xehdu l-Pulizija u cioe’ illi meta waslu fuq il-post tal-incident raw lill-vettura tal-imputat tinstaq b’sahha l-isfel fid-direzzjoni lejn Hal Qormi. Il-Qorti thoss pero illi l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni f’dan ir-rigward m’humiex bizzejjed sabiex jippruvaw li l-imputat kiser xi regolament tat-traffiku b’mod li jincidi fuq il-kwalita’ tas-sewqan tieghu. Ma’ ngabitx prova illi l-imputat saq ‘l hemm b’mod eccessiv u ma’ jidhirx li *a tempo vergine* l-imputat gie mistoqsi minn PC1410 x’kienet ir-raguni ghalfejn saq minn fuq il-post tal-incident.

20. Ikkunsidrat illi t-tielet akkuza hija illi l-imputat naqas li jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-Pulizija jew minn Gwardjan Lokali ghal biex jitmexxa t-traffiku jew ghal kull raguni ohra fit-twettiq ta’ dmirijiethom. F’dan ir-rigward ghalkemm il-Pulizija jghidu illi malli

waslu fuq il-post huma raw lill-vettura tal-imputat titlaq ‘l hemm, ma’ gabu l-ebda prova illi huma b’xi mod kienu taw lill-imputat xi ordni, indikazzjoni jew sinjal fit-twettiq ta’ dmirijiethom. Ghalhekk anqas ma’ tista tinstab htija fuq din l-akkuza.

21. Ikkunsidrat illi r-raba’ u l-ahhar akkuza hija illi l-imputat hebb ghal Carmelo Farrugia sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara. Fuq dan il-punt il-Qorti ssib li x-xhiedha kollha xi ftit jew wisq qablu illi kienu l-okkupanti tal-vettura tal-imputat (inkluz l-imputat innifsu) l-ewwel li hargu mill-vettura malli din waqfet. Naturalment filwaqt li l-*parte civile* u l-passiggieri ta’ mieghu jghidu illi dawn hargu sabiex ihebbu ghalihom u li sahansitra l-imputat (jew xi passiggier iehor) hareg b’injama f’idejh u li beda jaghti biha lill-*parte civile,* l-imputat u l-passiggieri li kellu mieghu jghidu li huma hargu biex jaraw xi hsarat kien hemm fuq il-vettura u li minn hemm imbaghad spiccaw jiggieldu bejniethom. Il-Qorti ghal darb’ ohra m’hijiex konvinta ‘l hinn mid-dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat hebb ghal Carmelo Farrugia sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara ghalkemm m’ghandhiex dubbju illi zviluppa argument jahraq bejniethom li possibilment seta’ f’xi mumenti kien ukoll vjolenti. Il-Qorti bla tlaqliq tghid illi fuq bilanc ta’ probabiltajiet tasal biex temmen izjed it-tezi tal-*parte civile* u cioe’ illi kien l-imputat li hebb ghalih u mhux *vice-versa* **izda stante illi din hija Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u mhux ta’ Gudikatura Civili, dan il-bilanc ta’ probabiltajiet mhuwiex sufficjenti sabiex tinstab il-htija tal-imputat.**

**Decide**

**22. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-Artikoli 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kap. 9, l-Art. 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u r-Regolament 124(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 tiddikjara li ma ssibx lill-imputat Simon Desira hati ta’ l-akkuzi kif dedotti u tilliberah minnhom.**

**Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**